MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 603/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**vs**
**Brandon Conrad Caruana (K.I. 49286M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ hames mija wiehed u disghin ewro, u zewg centezmi (€591.02) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici ghal servizzi ta’ telefonija cellulari rezi minnha in konnessjoni ma’ *mobile phone* bin-numru  9925 8260.

Il-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas baqa’ inadmepjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghax mid-data meta

l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut fl-10 ta' Gunju, 2010 mill-Avukat Nadia Vella u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------